


**Laurent Ropa** – ritratt b'dedika lill-Professur Ġużè Aquilina *"mon cher compatriote,"* autografat fi Piacè, nhar l-24 ta' Ottubru, 1964.

# Laurent Ropa (1891 – 1967) Poeta u Rumanzier

*Ġwann Azzopardi, S.J.*

LAURENT ROPA twieled ix-Xagħra, Għawdex nhar il-Milied tas-sena 1891. Missieru Ġużeppi Rapa u ommu Karmena emigraw għal Bona u ħadu magħhom lil Laurent ta' sentejn. Missieru ġie lura Għawdex u miet ta' 88 sena.

Il-kunjom Rapa tbiddel f'Ropa bi żball. Laurent studja fl-"Ecole Normale" ta' Kostantina u sar għalliem fl-iskejjel tal-Gvern. Sar ċittadin Franċiż fl-1913 meta kellu 22 sena. Iktar tard għamel servizz militari u ġie ferut. Wara l-gwerra mar Pariġi flimkien ma' martu Marguerite li kien iltaqa' magħha matul il-gwerra, billi kienet isservi ta' infermiera volontarja.

F'Pariġi laħaq direttur ta' skola tad-distrett u kiteb bosta artikli f'ġurnali u rivisti f'Tuneż, Bona, Sofija, Brussell, eċċ. Miet fid-29 ta' Marzu, 1967.

**Iż-Żgħożija ta' Laurent**

L-ewwel rumanzi ta' Laurent Ropa, *Chant de la Noria* (1932) u *Kaline* (1936), fihom ħafna elementi awtobijografiċi, speċjalment tifkiriet ta' meta kien tfajjel u żagħżugħ. Fihom affezzjoni profonda għal art twelidu, Malta, u n-nies tagħha, l-iktar dawk li kien jaf u jammira fl-Alġerija li bħalu kienu saru ċittadini Franċiżi. Laurent qatt ma reġa' ra 'l Malta.

Iżda l-kitbiet tiegħu kollha jirriflettu 'l Malta. Dan narawh ukoll fit-tielet rumanz tiegħu *Bou-Ras* (1960), kif ukoll fil-mitejn paġna li fihom l-antoloġiji ta' poeżiji *Jardin de l-Allélik* (1950), *La Prière à Hippone* (1953) u *Notre-Dame-de-la-Vie* (1968). Wara l-1940 il-poeta kellu esperjenza reliġjuża ta' tfittxija ta' l-Assolut kif jidher f'dawn il-poeżiji, kif ukoll fir-rumanz *Bou-Ras*.

Fix-xogħol ta' Ropa naraw dejjem l-imħabba lejn Malta. Fis-snin '30 kien direttur letterarju tar-rivista *Mélita* li fiha stampa traduzzjoni ta' l-aħjar poeżiji bil-Malti kif ukoll studji fuq il-letteratura ta' Malta. Insemmu *Anthologie des Poètes Maltais* (1937) u *Suite Maltaise* (1970). Laurent Ropa hu kittieb ta' kwalità, u hu Malti fid-demm, fil-kultura u fil-mertu. Ropa hu wieħed mill-iktar ulied nobbli li tat Malta.

**"Le Chant de la Noria" (1932)**

Dan ir-rumanz hu parti kbira awtobijografiku. Lazaro f'dan ir-rumanz hu missier Laurent, li kien telaq minn Għawdex fl-età ta' 16-il sena biex jaħdem l-Alġerija. Meta kien ifaddal ftit flus kien jerġa' lura Għawdex, u hekk f'waħda mill-miġjiet

tiegħu f'art twelidu żżewweġ. Lazaro jiżżewweġ lil Dora. Ikollhom żewġ subien: il-kbir Luigi (Antoine), u ż-żgħir Pietro (għall-poeta Laurent). Pietro għandu parti żgħira fir-rumanz, dik ta' osservatur.

Lazaro u Dora jistinkaw u jaraw kif jikru ġnien Allélik, kif toħroġ minn Bona. Iktar tard, fl-1950, Laurent isejjaħ l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħu *Jardin de l'Allélik* għal dan il-ġnien. F'din l-antoloġija nsibu l-arja, l-ilwien, ix-xtieli, il-ward u l-fwejjaħ ta' dan il-ġnien li kien isaħħar il-poeta fi ċkunitu. Fuq kollox nisimgħu ż-żaqżiq u l-ħidma melankolika tas-sienja ("noria").

Il-poeta jieħu l-ispirazzjoni tiegħu minn dan il-ġnien f'Allélik, il-ġnien li kienu jmorru fih ta' kuljum il-familja tiegħu. Dan il-ġnien baqa' impressjonat f'moħħ il-poeta hekk kif kien fi ċkunitu, u baqa' għal żmien twil il-leħma tiegħu poetika. Laurent baqa' miġbud lejn il-familja tiegħu hekk kif kien fl-ewwel snin tiegħu. Kien minn hawn li l-poeta talla' l-ilma għall-ispirazzjoni tal-poeżija.

Iżda, ir-rumanz ikompli, Pietro meta kiber ftit snin ma kienx tajjeb biex ibiegħ: il-kummerċ ma kienx ħobż għal snienu. Għalhekk Laurent (Pietro) inqata' minn sħabu u sar iżolat. Ma baqax jagħmilha ma' ħuh għax ma kienx imur tajjeb fin-negozju.

Il-poeta stqarr dan lil Chanoine Gaucher, li ta u qal dan f'konferenza pubblika fl-20 t'April, 1969 lis-Société Litteraire du Maine. Għalhekk Laurent kien joqgħod id-dar jaqra. Dora ma kinitx ittellfu: kienet tagħmel kulma tista' biex uliedha jmorru l-iskola u d-dar jistudjaw biex 'il quddiem il-futur tagħhom ikun inqas diffiċli minn tagħha u ta' żewġha.

Laurent ta' sitt snin daħal l-iskola komunali. Din kienet 4 kilometri bogħod mid-dar. Kien imur jimxi filgħodu u jerġa' lura filgħaxija jimxi. Xi drabi kien imur ma' ħuh fuq il-karrettun hu u sejjer bil-biegħa s-suq. Nhar ta' Ħamis u fil-btajjel Laurent kien jieħu ħsieb is-sienja.

Fl-aħħar ġabra ta' poeżiji – *Notre-Dame-de-la-Vie* – stampata wara mewtu (1968), Laurent kiteb hekk fid-Daħla intitolata "Vocation":

> Sirt naf li mhux bgħid minna kien hemm f'ħanut kollezzjoni tax-xogħlijiet ta' Victor Hugo . . . kont nidħol ta' spiss u mingħajr dwejjaq għand il-librar. Hekk irnexxieli naqra kważi l-poeżiji kollha ta' Victor Hugo meta kelli minn 14 sa 16-il sena.

Laurent, igħidilna Gaucher, kien iħobb il-kotba u kien jistudja. Ta' 11-il sena kien diġà beda jikteb il-versi. L-għalliem tiegħu kien jinkoraġġih. Ommu wkoll kienet tagħmel ħafna sagrifiċċji biex binha jistudja minkejja l-faqar u minkejja li missieru ma tantx kien iridu jistudja.

Hekk ir-rumanz ikompli l-istorja ta' Lazaro u Dora u ż-żewġ uliedhom. Din l-istorja tixbah ħafna lil dik tal-familja Rapa. Fi tmiem *Le Chant de la Noria* nsibu l-mewt ta' Dora li tmut fil-faqar, li ma tistax tara t-tabib għax m'għandhiex biex

tħallas. Hekk Dora fl-aħħar mumenti tagħha terfa' għajnejha lejn ix-xbieha ta' Santa Marija Ta' Pinu. Jaraha l-ħin kollu kien hemm iċ-ċkejken binha Pietro b'qalbu tħabbat bl-imħabba lejn ommu.

**"Jardin de l'Allélik" (1950)**

Mhux biżżejjed nisimgħu *Chant de la Noria* (*L-Għanja tas-Sienja*), hemm bżonn nixorbu l-arja ta' *Jardin de l'Allélik* (*Il-Ġnien ta' l-Allélik*) biex nifhmu l-qalb tal-poeta.

Din il-ġabra ta' poeżiji fiha 2 sunetti (XXII u XXVI), poeżija ta' 5 versi (XXV), poeżija ta' 6 versi (XXVII), poeżija ta' 8 versi (XIX), żewġ poeżiji ta' vers liberu (VI u XXVIII), poeżiji fi kwattrini (II, V, IX, XI, XVI, XXI, XXIII).

F'din l-antoloġija l-poeta jħoss is-skiet ta' l-"eżilju", u jiftakar b'melankonija il-ġnien ta' tfulitu: il-ġnien li qisu kien dinja oħra fejn kien igħaddi n-nofstanhari m'ommu u missieru u ma' ħuh. Il-ġnien ta' l-Allélik sar għal Laurent l-isbaħ dinja u l-isbaħ żmien ta' ħajtu.

F'dawn il-poeżiji nsibu xi kliem li flimkien jagħmlu sinfonija ta' mużika li jagħtuna s-sentimenti ta' ruħ il-poeta. Kliem bħal dawn huma: "*jardin*", "*amour*", "*ame*", "*coeur*". Dawn flimkien jagħtu r-ruħ u l-ilwien ta' din l-antoloġija.

F. Cunen igħidilna li fil-poeżiji ta' *Jardin de l'Allélik* hemm 421 nom, 274 minnhom jinsabu darba, u 147 jinsabu minn darbtejn sa 20 darba. Il-kliem l-iktar li wieħed jiltaqa' magħhom huma l-erba' kelmiet li għadni kif semmejt.

Ropa kien iħossu eżiljat, iżda ma kienx ribelli: kien rassenjat. Iċ-ċimiterju ma kienx ibeżżgħu: kien jarah sabiħ: "*Le cimetière est beau, là-bas, sur la colline*" (XIX). Laurent, tgħidilna l-mara tiegħu, kien iħobb jimxi fiċ-ċimiterju tar-raħal tiegħu: ma kienx jibża' miċ-ċimiterju.

Mela l-ewwel rumanz ta' Ropa, *Chant de la Noria*, u l-antoloġija ta' poeżiji, *Le Jardin de l'Allélik*, jesprimu l-istess sentimenti tiegħu. Fihom insibu l-aspirazzjoni ta' ruħ il-poeta għas-sliem u l-ġmiel ta' tfulitu, l-iktar il-ġnien li fih kienu jqattgħu l-aħjar żmien il-familja tiegħu. Fihom il-kliem "*mort*" u "*vie*" jinbidlu ma' xulxin, kif ukoll "*cimetière*" u "*jardin*".

Fit-tieni ġabra ta' poeżiji tiegħu, Ropa jistħajjel jara 'l ommu. Ropa spiss kiteb dwar l-omm tiegħu Dora tar-rumanz, ta' Eva, ta' Monika omm Santu Wistin, kif ukoll tal-Madonna, l-omm spiritwali tiegħu. Spiss jitkellem fuq waħda, iżda qed jifhem għall-oħrajn ukoll. Fit-tieni ġabra ta' poeżiji tiegħu jikteb hekk dwar ommu: l-omm

anġelika, serena u tas-sema
Matul l-aħħar jiem u l-aħħar mumenti
Li rajtek għadek fostna fuq l-art
(*Prière à Hippone* VIII, 1 tmiem)

Anki l-kamra fejn mietet ommu issa saret mimlija ħajja u tama: "Id-dawl tas-

sema saħħanha; l-għana / ta' elf għasfur resaq lejn it-twieqi, / Ferrħuha bit-tama; u l-fwejjaħ ħelwin / tal-ward, ta' tant ward . . . / O x'ħolma kienet, tal-ġenna, mà!''

Dawn it-tifkiriet imlew qalb l-artista Ropa b'imħabba lejn tfulitu kif għaddieħa m'ommu fil-ġnien imsaħħar bil-preżenza divina mbennen bl-''Osanna ta' l-Imħabba immortali'' (*Prière à Hippone* Prologu, tmiem).

Laurent Ropa hu poeta reliġjuż. Fil-kitbiet tiegħu nsibu eku ripetut tat-Testment il-Qadim u – iktar – tat-Testment il-Ġdid. Insibu wkoll il-ġlieda ħarxa bejn it-tajjeb u l-ħażin. F'*Jardin de l'Allélik* insibu msemmi Ġesù Kristu. Fil-poeżija *Brises* (XXVIII) Ġesù jingħata l-isem Sinjur Tagħna tal-Ħajja. F'*Combat* (XXII) insibu l-ġlieda għall-armata, din il-Knisja militanti. Wara din il-ġlieda qalila tiġi s-serenità, mirbuħa b'taqbida hekk ħarxa.

Inġib hawn poeżija sħiħa li tinsab fi tmiem l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħu. Din hi numru XXV, li jisimha *Le Bassin est plein* (Il-Ġiebja hi mimlija):

La noria plaintive a gemì nuit et jour
Ses larmes, sa sueur en eau se sont changées,
Et la citerne est comble au milieu du verger:
Ouvrez, que les Rosiers resplendissent d'Amour!
Ainsi mon coeur est plein de gloire à partager.

Is-sienja tgemgem ilha tokrob lejl u nhar
Id-dmugħ tagħha, l-għaraq fl-ilma, inbidel,
U l-ġiebja mburġata f'nofs il-ġnien:
Ifthu, biex ix-Xandri jiddi bl-Imħabba!
Hekk qalbi hi mimlija bil-glorja biex taqsam.

Hekk il-ġnien ta' Laurent: is-sienja ddur, l-ilma jiddi, il-ġiebja mimlija, il-ward ifewwaħ, ix-xemx iddawwal u ssaħħan: Dora, l-omm, tieħu ħsieb kulħadd u t-tifel iż-żgħir igawdi kollox ħosbien. Dan il-ġmiel hu s-seħer tal-poeta Għawdxi: hekk kienet il-ħajja fi tfulitu; din hi l-filosofija ta' ġmiel in-natura. Iżda dan kollu għadda għal kollox; għalhekk id-diqa u l-melankonija li ġġib magħha din id-dehra deħbiena. Is-sienja – u ċ-ċekċik monotonu tagħha – spiċċat darb'għal dejjem, u ma terġax tiġi.

Iżda għal din id-diqa Ropa ma jiddisprax. Ma jirribellax. Jibqa' sieket. Il-fidi tagħtih it-tama. Iċ-ċimiterju ma jbeżżgħux. L-anqas il-mewt t'ommu ma tagħmlu pessimist. Il-ward, l-agħsafar, id-dawl iwassluh għat-tama. Il-mewt tinbidel mal-ħajja. Kristu rebbieħ fuq il-mewt. Eva ġabitilna l-mewt, iżda l-Madonna tagħtina l-ħajja ta' binha. L-imħabba tagħtina t-tama ta' ħajja oħra. Is-skiet fil-glorja.

## Bibljografija

ROPA, Laurent, *Le Chant de la Noria:* Roman, Albert Messein, Éditeur, Paris, 1932, pp. 236.

*Kâline.* Roman, Albert Messein, Éditeur, Paris, 1936, pp. 227.

Poëtes Maltais, Éditions de Mirages, Tunis, 1937, pp. 94.

*Le Tombeau de Bou-Ras* I Le Jardin de l'Allélik: Poèmes, Le Mans, Imprimerie Charles Monnoyer, 1950, pp. 54. II La Prière à Hippone: Poèmes, 1953, pp. 60. III Notre-Dame-de-la-Vie: Poèmes, 1968, pp. 111.

*Bou-Ras*, La Nef de Paris Éditions, Paris, 1960, pp. 197.

*Suite Poetique Maltaise*, Publiée par le Conseil de l'Europe, Malte, Muscat Printing Press, 1970, pp. 86.

Edizzjoni Klabb Kotba Maltin n. 3, *L-Għanja tas-Sienja*, rumanz ta' Laurent Ropa, traduzzjoni ta' Ġużè Aquilina, n.d., pp. 143.

CUNEN, F., "Laurent Ropa", *Journal of Faculty of Arts*, 1972, pp. 45–64; 1974, pp. 328–33.

*Carnet Jaune* de Laurent Ropa, édité par François Cunen, professeur à l'Université de Malte. Royal University of Malta, 1973, pp. 14. (stencilled)

*Poèmes Maltais* Vol. I traduits en français par Laurent Ropa. Édition integrale de François Cunen, professeur à l'Université de Malte. Royal University of Malta, 1973. Vol. II. (stencilled)

ROPA, Laurent, *Mots-Cles ed Idees-Forces* par F. Cunen Professeur à l'Université de Malte. Royal University of Malta, 1975, pp. 47. (stencilled)

Édition numérotée vers par vers des trois volumes du *Tombeau de Bou-Ras* de Laurent Ropa. Jardin de l'Allélik, Prière à Hippone et Notre-Dame-de-la-Vie. Le 30 mars 1976. F. Cunen, R.U.M. Malte. (stencilled)

*La Province du Maine*, Tome 74 – 4ᵉ Série: Tome I – Fascicule 1, Janvier-Mars 1972, pp. 104: pp. 72–82: Félix Gaucher, "Laurent Ropa (1891 +1967) et son Oeuvre Littéraire", pp. 82–94: Frédéric Lemeunier, "Ropa, Exilé Maltais, Notes Bio-Bibliographiques".

NIVEN, Alastari (ed.), *Commonwealth Writer Overseas*, Didier, Bruxelles, 1976; Daniel Massa, "The Maltese Writer in Exile" pp. 63–74 (pp. 63–6 on Laurent Ropa).

MIFSUD BONNICI, Rob., *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali*, Malta, Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1960, p. 434.

"Tajjeb li Tkun Taf", Marzu 1958.

"Il-Fanal", nru. 6 (1963), Dipartiment ta' l-Informazzjoni.